MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1298/2002/1

**Avviz Numru 1298/02AJD**
**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Karen Sciberras u l-istess Karen Sciberras**

**vs**

**Joseph Colombo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm480.12) rapprezentanti danni sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku tal-21 ta' Gunju 2000, f'Hal-Qormi bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KMF 662 misjuqa mill-attrici Karen Sciberras u assikurata taht polza 'comprehensive'

mas-socjeta' Untours Insurance Agency Limited u l-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni CBA 641 misjuqa mill-konvenut ghall-liema ncident kien jahti l-istess konvenut. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Kap. 104, kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-istess konvenut.

Ra r-Risposta prezentata mill-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici qed jigu kontestati bhala li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku ma garax tort tal-konvenut izda l-persuna responsabbli ghall-kollizzjoni kienet l-attrici Karen Sciberras, indikata fir-Road Accident Report bhala Karen Ellul, li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KMF 662.
2. Illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.
3. Salv ecccezzjonijiet ohra.
Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' |PS 318, Francis Rogers, ta' Karen Sciberras, ta' Christine Sciberras, ta' Mario Vella, tal-konvenut u ta' PC 636, Raymond Cassar. Ha konizzjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

\Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Gunju 2000, fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KMF 662 misjuqa minn Karen Sciberras u t-trukk bin-numru tar-registrazzjoni CBA 641 misjuq mill-konvenut.. Il-partijiet jaqblu li fid-daata tal-incident kienu qed isiru xi xoghlijiet u li r-'roundabout' fejn sehhet il-kollizzjoni kienet maqlugha.

L-attrici Karen Sciberras xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fil-lokalita' msemmija, gejja midd-direzzjoni tal-Marsa u sejra fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi. It-traffiku kien miexi bil-moghod hafna minhabba x-xoghlijiet li kienu qed isiru, kien hemm vettura tal-marka Nissan Primera mar-'roundabout' li ceditilha u malli marret biex tghaddi, gie t-trukk misjuq mill-konvenut

li ghadda minn ma genb il-vettura ta’ Sciberras u kaxkrilha l-genb kollu. Karen Sciberras tghid ukoll li s-sewwieq tan-Nissan Primera waqaf wara l-incident u taha l-partikolari teighu. Sciberras tghid li qabel l-incident hija kienet rat lill-konvenut wieqaf fuq l-Istop Sign li hemm hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau.

Il-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq it-trukk tieghu fil-lokalita’ msemmija, kien gej mid-direzzjoni tal-fabbrika tal-Lowenbrau u ried imur lejn tal-Handaq. Malli qabad ir-‘roundabout’ u mexa’ bicca mhux hazin, sema’ hoss, nizel mill-vettura tieghu sabiex jara x-gara u sab il-vettura tal-attrici Karen Sciberras mahbuta fil-vettura tieghu. Huwa jghid li dak il-hin huwa presuma li din il-vettura kienet gejja mid-direzzjoni tal-Marsa, li huwa kien fuq il-kareggjata ta’ barra tal-vetturi li kienu qed iduru mar-‘roundabout’ u li ma genbu kien hemm vettura ohra.

It-Tribunal jidhirlu li mill-provi rrizulta ampjament li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut li ma zammx ‘a proper lokkout’ ta’ dak lii kien qed jigri quddiemu u madwaru u b’hekk ghadda minn bejn il-vettura tal-attrici u l-vettura ta’ Mario Vella, is-sewwieq tan-Nissssan Primera li semmiet l-attrici, u kaxkar il-genb kollu tal-vettura tal-attrici. Dan jirrizulta mhux bisss mix-xhieda ta’ dan Mario Vella li kkorobora l-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija minn Karen Sciberras, izda anki mix-xhieda tal-konvenut stess li ‘ex admissis’ jghid li huwa mma rax il-vettura ta’ Sciberras qabel l-incident. It-Tribunal jidhirlu li ghandu jemmen il-verzjoni moghtija minn Mario Vella stante li dan huwa xhud indipendenti u ra l-incident isehh. Huwa kkkonferma li kien ceda lill-attrici u li malli ghamel hekk ra t-trukk misjuq mill-konvenut gej minn fuq Stop Sign mid-direzzjoni tal-fabbrika tal-Lowenbrau, liema trukk pprova jghaddi bejn il-vettura tieghu u dik tal-attrici u kaxkar il-genb kolllu tal-vettura taghha. Il-posizzjoni tat-trukk tal-konvenut kif indikat fl-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz, liema trukk jidher li huwa angolat lejn ix-xellug, tkompli ssahhah il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Karen Sciiberras u minn Mario Vella u tindika li l-konvenut kien ghadu ser jibda jdur mar-‘roundabout’ u ma ndunax bil-vettura ta’ Sciberras fuq

in-naha tax-xellug tieghu li kienet diga mar-‘roundabout’ u b’hekk kazkrilha l-genb kollu.

Illi l-‘quantum’ tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-kopji tal-ircevuti relatttivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l;-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm480.12), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nnkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104, ghanndhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------